MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Numru. 432/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Fawzi Bittar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Fawzi Bittar detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 33688(A).

Akkuzat talli:
F'Marzu 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'

hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37), ghad-detriment tan-Nutar Anthony Cassar ID 11268M, Feralfa Limited (30161), Anthony Manicaro ID 639862M, Ahmed Bittar 269611L, Feros Company Limited (C33077) u/jew Lombard Bank plc, u/jew Bank of Valletta plc.

F'Dicembru 2011 u fix-xhur ta' qabel, ikkommetta serq ta' erba' cekkijiet tal-Lombard Bank bin-numri 000011, 000015, 000016, 000017, ilkoll mahrugin fuq kont bankarju numru 00029049777 bi hsara ta' Feralfa Limited; kif ukoll ikkommetta serq ta' cekk tal-Bank of Valletta bin-numru 000142 mahrug fuq kont bankarju 40013524902, bi hsara ta' Feros Company Limited, u aktar talli kkommetta serq ta' cekk bin-numru 000537 mahrug fuq kont bankarju 40014895177 bi hsara tan-nutar Anthony Cachia.

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn dokumenti foloz.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi haga li kien jaf li kienet misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat u naqas milli jgharraf lill-Pulizija b'dan il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf.

Ikkunsidrat:

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti.

Rat id-dokumenti ipprezentati;

Rat illi l-imputat kien ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih u kemm-il darba kkonferma tali ammissjoni.

Rat illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri huwa hallas is-somma ta’ hamest elef erba’ mija u hamsin Ewro (€5,450) lil Ahmed Bitar izda kien jibqaghlu somma akbar xi jhallas lill-haddiehor.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 261, 284, 285, 183, 184, 334 (a), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat Fawzi Bittar hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li r-raba’ akkuza hija mezz ghall-fini tat-tielet akkuza u stante li l-hames (5) akkuza hija alternattiva ghat-tieni (2) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin filwaqt li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H qed ittih sitt (6) xhur mil-lum sabiex ihallas il-pendenzi dovuti.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------